# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' Nhar it-Tnejn 23 ta' Ottubru 2017

## Rikors Numru: 39/2015 JPG
## Kawza Numru: 1

**Steve Mallia (karta ta' identita' numru 391671 M) u Ariadne Massa (karta ta' identita' numru 65774 M)**

**VS**

**L-Avukat Generali**

## Il-Qorti ,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tat-13 ta' Mejju 2015 (a fol. 1 et seqq.) li jaqra hekk:

1. *Illi b'Avviz (numru 301/2010) maghmul quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) (hawnquddiem imsejha **il-"Qorti tal-Magistrati")** fit-23 ta' Awissu 2010, Paul Pace (kartata identita' 126164M), bhala President tal-Malta Union of Midwives and Nurses, Colin Galea (karta ta' identita' tnimru 83169M) bhala Segretarju Generali tal-Malta Union of Midwives and Nurses, George Saliba (karta ta' identita' numru 645458M) bhala Segretarju Generali tal-Malta Union of*

*Midwives and Nurses u Maria Cutajar (karta ta' identita' numru 426575M) bhala Vici-President tal-Malta Union of Midwives and Nurses (flimkien 'il-quddiem dan 1-att imsejha "**1-Atturi"),** ir-Rikorrenti Odjemi gew mitluba jghidu ghaliex ma kellhomx jigu kkundannati mill-Qorti tal-Magistrati ihallsu lill-Atturi jew min minnhom dik is-somma likwidata minn dik 1-istess Qorti in linea ta' danni a tenur tal-Ligi dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta) sofferti mill-Atturi b'konsegwenza ta' malafama lilhom arrekata bl-artikolu intitolat "**Patients swindled in scam — Top MUMN official investigated"** illi deher fl-ewwel pagna (u tkompla f' pagna 4 tal-harga ta' nhar il-Hadd, 22 ta' Awissu 2010 tal-gurnal The Sunday Times (Dokument A") ghaliex skont 1-Atturi, dik il-pubblikazzjoni kienet inveritjiera u malafamanti fil-konfront taghhom u kien intiz biex jesponihom ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku;*

2. *Illi ghal dik 1-istanza, fis-6 ta' Settembru 2010, ir-Rikorrenti Odjerni eccipew: (i) illi 1-artikolu de quo ma jallega xejn fil-konfront ta' 1-Atturi, u cioe' ma humiex identifikabbli bhala 1-persuna li giet allegatament libellata fl-artikolu u (ii) illi in subsidium 1-istess artikolu jikkonsisti biss f'kronaka gusta u informattiva, minghajr sensazjonalizmu, dwar rapport li sar mid-Dipartiment tas-Sahha u inkjesta sussegwenti ii qeghda ssir mill-Pulizija dwar kaz ta' allegazzjonijiet ta frodi fil-konfront ta' pazjenti ta' 1-isptar Mater Dei haga ta' interess pubbliku;*

3. *Illi b'sentenza moghtija fis-17 ta' Settembru 2012, (Dokument "B") il-Qorti tal-Magistrati cahdet 1-eccezzjonijiet kollha tar-Rikorrenti Odjerni, laqghet it-talba ta' 1-Atturi u kkundannat lir-rikorrenti Ariadne Massa thallas is-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) bhala danni lil Paul Pace, is-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) bhala danni lil Colin Galea, is-somma ta' elfejn ewro (€2,000) bhala danni ill George Saliba u is-somma ta' elfejn ewro €2,000) bhala danni lil Maria Cutajar filwaqt illi kkundannat lir-rikorrent Steve Mailia ihallas lill-Atturi kollha flimkien is-somma ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) bhala danni bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' 1-Avviz **(is-"Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati");***

4. *Illi peress illi r-Rikorrenti Odjerni hassewhom aggravati bis-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, fit-3 ta' Ottubru 2012 huma ressqu appell minnha quddiem il-Qorti ta' 1-Appell ghaliex sahqu illi 1-Qorti tal-Magistrati ma segwietx id-duttrina legali ormai applikabbli fil-kamp tal-libelli u malafama. Ir-Rikorrenti Odjerni appellaw ukoll fuq il-kwantifikazzjoni tad-danni u l-imghaxijiet li gew ikkundannati li jhallsu;*

5. *Illi-Atturi wiegbu dan l-appell bi twegiba intavolata fit-30 ta' Ottubru 2012 fejn sahqu li s-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati hija gusta u korretta u timmerita li tigi konfermata filwaqt illi 1-appell interpost mir-rikorrenti odjerni ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom;*

6. *Illi fit-3 ta' Gunju 2013 wara ii 1-Qorti ta' 1-Appell semghet biss lin-naha Attrici, cioe' r-Rikorrenti Odjerni billi la 1-Atturi u 1-anqas 1-avukat taghhom ma kienu deheru, dik li- Qorti iddifferiet l-istess appell interpost mir-Rikorrenti Odjerni ghas-sentenza;*

7. *Illi b'sentenza ta' 1-14 ta' Jannar 2015 (Dokurnent "C") il-Qorti ta' 1-Appell diversament presjeduta mill-istess Qorti li semghet it-trattazzjoni, iddisponiet mill-appell interpost mir-Rikorrenti Odjemi billi laqaghtu biss fir-rigward ta' 1-ammont tad-danni likwidati mill-Qorti tal-Magistrati billi kkundannathom ihallsu lill-Atturi in solidum is-somma ta' erbat elef ewro (€4,000) b'mod ugwali bejn 1-istess rikorrenti bl-imghax mill-14 ta' Jannar 2015 u kkonfermat s-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ghall-kumplament bl-ispejjez ta' 1-ewwel istanza kif gja decizi mill-Qorti tal-Magistrati izda dawk 1-ispejjez rigwardanti 1-appell ikunu sopportati kwantu ghal tlett kwarti mir-rikorrenti odjerni u kwart mill-Atturi;*

8. *Illi ghalhekk, bis-sentenza tal-Qorti ta' 1-Appell ta' 1-14 ta' Jannar 2015, giet stabbilita 1-pozizzjoni legali bejn il-partijiet fil-kawza fl-ismijiet Paul Pace et versus Steve Mallia et (Avviz Numru 301/2010) — cioe' li r-Rikorrenti Odjerni mmalafamaw lill-Atturi bir-rizultat li r-Rikorrenti Odjerni gew ikkundannati*

*jhallsu somma ta' flus taht l-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta);*

9. *Illi ghalkemm is-Sentenza ta' l-14 ta' Jannar 2015 tal-Qorti ta' l-Appell taffiet l-element pekunjarju tas-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, jibqa l-fatt ikrah u iebes illi bil-procediment ta' l-Atturi kif definittivament deciz mill-Qorti ta' l-Appell bl-indikata Sentenza ta' kundanna fil-konfront tar-Rikorrenti Odjerni, gie lez id-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni taghhom kif protett bl-artikolu 41(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta (**il-"Kostituzzjoni")** u l-Artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u tal-Libertajiet Fondamentali **(il-"Konvenzjoni")** maghmula applikabbli u enforzabbli f Malta bl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea 1987 (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan ghar-ragunijiet li gejjin:*

   - *il-liberta' ta' l-espressjoni protetta bl-artikolu 41(1) tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni tinkludi l-liberta' tal-komunikazzjoni ta' informazzjoni minghajr xkiel*

   - *l-informazzjoni dan il-kaz giet komunikata permezz ta' artikolu miktub minn Ariadne Massa ippubblikat fl-ewwel faccata (u jkompli fir-raba faccata) tal-harga tat-22 ta' Awissu 2010 tal-gazzetta The Sunday Times li taghha Steve Mallia kien (u ghadu) editur;*

   - *din l-informazzjoni kienet tikkonsisti f'rapport li l-pulizija kienet qeghda tinvestiga ingann li kien sehh fl-Isptar Mater Dei li permezz tieghu infermier u saleseman kienu qeghdin jiddefrodaw pazjenti vulnerabbli mijiet ta' ewro billi joffrulhom terapija mhux provduta mill-istat filwaqt li kienu qeghdin jaghtuhom x'jahsbu li din kienet b'xejn. Dan l-artikolu kien intitolat **"Patients swindled in scam — Top MUMN official investigated";***

- *ultimament kienet propju il-kelma "top" li wasslet ghall-kundanna tar-Rikorrenti Odjerni billi fi kliem il-Qorti ta' 1-Appell "... il-perm tal-kwistjoni devoluta ghal gudizzju umli ta' din il-kwistjoni hija 1-kelma "TOP" billi ma hemmx dubbju illi 1-informazzjoni dwar persuna li tokkupa kariga ft hdan l-istruttura tal-MUMN kienet fil-fatt qed tigi indagata fuq il-materja indikata ";*

- *fil-korp ta' dan 1-artikolu fl-ewwel faccata ta' The Sunday Times of Malta tat-22 ta' Awissu 2010 hemm miktub testwalment hekk: "The Sunday Times has learnt this scam involves a nurse who is employed in a managerial position at Mater Dei and occupies a top post within the structures of the Malta Union of Midwives and Nurses" ).*

- *jirrizulta li 1-infermier f'dan i1-kaz kien propju jippresjedi 1-grupp ta' infermiera fl-isptar Mater Dei u fid-dawl tan-numru kbir ta' ufficjali fi hdan il-Malta Union of Midwives and Nurses, sar riferiment ghal din il-persuna bhala Top MUMN official propju biex ma tigix pregudikata 1-investigazzjoni u ssir hsara irreparabbli lill-istess persuna invesitgata;*

- ***Top MUMN official** ovvjament jirreferi, minn fost ohrajn, ghal **persuna wahda** li kienet qeghda tigi investigata. Minkejja dan, ir-Rikorrenti Odjerni gew ikkundannati fil-konfront ta' xejn anqas minn **erba' persuni** fuq huma kollha **Top MUMN Officials**! Hu ovvju li 1-kliem Top MUMN Official ma jistghux jittiehdu li jirreferu **ghall-erba' Atturi** kif iddecidew il-Qorti tal-Magistrati u 1-Qorti ta' 1-Appell;*

- *il-fatt li harrku erba' persuni fuq rapport li persuna wahda qeghda tigi investigata biex ir-Rikorrenti Odjerni jigu kundannati fil-konfront ta' 1-Atturi "jew min minnhom", jikxef bhala fatt kemm, skont 1-istess Atturi, Top MUMN Official ma jidentifika lill-ebda wiehed jew wahda minnhom. Fic-cirkostanzi, r-Rikorrenti Odjerni gew ikkundannati fuq pubblikazzjoni*

*li 1-anqas ma kienet libelluza fil-konfront ta' 1-Atturi. Difficli li wiehed jahseb fi xkiel ghal-liberta' ta' espressjoni aktar car minn dan il-kaz;*

- *1-uzu tal-kelma top u t-tifsira taghha jiddependi minn valutazzjoni u apprezzament li jkunu saru dak il-hin mill-gurnalista meta giet biex tindika 1-pozizzjoni tal-persuna fi hdan il-Malta Union of Midwives and Nurses li kienet qeghda tigi investigata minghajr ma tissemma specifikament pendenti l-investigazzjoni. Wiehed jista' jaqbel jew ma jaqbilx ma l-uzu ta' din il-kelma jew it-tifsira taghha fil-kuntest li ntuzat. Hu sottomess li ma tantx jista' wiehed jirreferi ghall-president ta' kumitat ta' l-akbar grupp ta' infermiera fi hdan dik il-Union bhala medium jew bottom official. Col senno del poi issa forsi wiehed jista' jghid li 1-kelma top setghet tithalla barra. Data ma non concesso li huwa propju hekk, ifisser li skont il-pozizzjoni kif finalment stabilita mill-Qorti ta' 1-Appell f'dan il-kaz u fic-cirkostanzi u minkejja li hawn Si tratta dwar gurnalizmu investigattiv, kienet intuzat il-kelma top. Dan l-"izball" gie elevat sal-grad ta' illegalita' illi wassal ghall-kundanna tar-Rikorrenti Odjerni taht 1-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta) biex b'hekk gie stabilit li r-responsabilita' tar-Rikorrenti Odjerni taht dik il-ligi hija wahda assoluta. Dan jikkostitwixxi xkiel ghall-liberta' ta' espressjoni tar-Rikorrenti Odjerni u ksur tad-dritt taghhom ghall-liberta' ta' 1-espressjoni protetta mill-artikolu 41(1) tal-Kostituzzjoni u 10(1) tal-Konvenzjoni tenut kont li dak li gie rapportat f'dan il-kaz kien sostanzjalment veru u fid-dawl tal-principju illum ben stabilit illi "gurnalizmu investigattiv ghandu dejjem jigi protett u mhux ikkundannat anke jekk jista' jirrizulta xi zball fir-rapportagg" (Appell Civili Numru 992/1997/1 - Pullicino vs Camilleri et deciz 28 ta' Marzu 2014);*

- *sfortunatament kemm il-Qorti tal-Magistrati kif ukoll il-Qorti ta' 1-Appell f' dan il-kaz iddecidew li jipprezumu mala fede filwaqt illi skartaw fatturi li setghu ikunu determinanti biex jigi deciz jekk il-gurnalista aggixxietx in*

*buone fede jew le. Huwa minnu li f'dan ir-rigward, il-Qorti ta' 1-Appell ittemprat konsiderevolment is-sentenza tal-Qorti tal- Magistrati, izda fil-valutazzjoni taghha dwar 1-uzu tal-kelma top, il-Qorti ta' 1-Appell sfortunatament interpretat motivi hziena u ulterjuri jew negligenza minn naha tal-gurnalista Ariadne Massa "meta saret referenza fl-imsemmi artikolu illi 1-persuna involuta kienet ufficjal gholi fi hdan 1-MUMN" ghaliex b'hekk "1-artikolista tbieghdet mill-bixra investigattiva u inoltrat ruhha fis-sensazzjonalizmu biex b'hekk hija spicatt implikat nies innocenti f'kaz gravi ta implikata frawdolenza. Ghalhekk, il-qorti ma ghandha 1-ebda dubbju illi meta 1-appellanti uzat it-terminologija bhala sub-titolu ghal dan il-kaz serju ta' sfruttament ta' nies vulnerabbli kellha tmohha tigbed il-qarrejja taghha u ma qaghditx attenta illi tirraporta fedelment l--informazzjoni li giet lilha rimessa". Il-qorti ghamlet dawn ir -riflessjonijiet fl-sfond tal-konvinzjoni taghha "illi ma kien hemm xejn censurabbli fir-redazzjoni ta' l-artikolu mertu ta din il-kawza" u kuntrarjament ghal dak li ddecidiet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' John Anthony Mizzi v, Malta (Applikazzjoni numru 17320/10 deciz fit 22 ta Novembru 2011) fejn, fil-paragrafu 37, gie ritenut li "Quite apart from the interpretation given to it by the domestic courts, the Court considers that the statement must he looked at in the light of the overall thrust of the [letter]" ;*

- *il-liberta' ta' 1-espressjoni protetta bl-artikolu 41(1) tal-Kostituzzjoni u 1-artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni hija r-regola filwaqt illi 1-limitazzjoni imposta mill-Att dwar 1-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta) hija 1-eccezzjoni. Bhala eccezzjoni, trid tigi applikata ristrettivament ghaliex altrimenti tohrog mill-ambitu tal-binarji legali taghha. Li din 1-eccezzjoni teghleb ir-regola u twassal ghal kundanna ghaliex il-Qorti ma qablitx ma 1-uzu tal-kelma top, jammonta ghal ksur tal-liberta' ta' 1-espressjoni tar-Rikorrenti protetta taht 1-artikolu 41(1) tal-Kostituzzjoni ul-artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni;*

> *GHALDAQSTANT, ir-Rikorrenti Odjerni umilment jitolbu illi din il-Qorti joghgobha tiddikjara u tiddeciedi li bis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-17 ta' Settembru 2012 u bis-Sentenza moghtija mill-Qorti ta' 1-Appell fl-14 ta' Jannar 2015, fil-kawza fl-ismijiet Paul Pace (karta ta identita' 126164M) et versus Steve Mallia (karta ta' identita' numru 39167M) et gie miksur id-dritt taghhom tal-liberta' ta' 1-espressjoni protett kemm bl-artikolu 41(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll bl-artikolu 10(1) tal- Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u tal-Libertajiet Fondamentali maghmula applikabbli u enforzabbli f'Malta bl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea 1987 (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u konsegwentement taghti r-rimedji u taghmel dawk 1-ordnijiet, tohrog dawk 1-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tassigura t-twettiq tad-dispozizzjonijiet ta' 1-imsemmija artikoli 41(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ul-artikolu 10(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-protezzjoni tad-Drittijiet Umani u tal-Libertajiet Fondamenatali (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta).*
>
> *Bl-ispejjez."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali tal-10 ta' Gunju 2015 (a fol. 53 et seqq.) li taqra hekk:

> *"Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija li allegatament soffrew vjolazzjoni tal-Artikolu 10 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 41 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress li 'ghalkemm is-Sentenza ta' l-14 ta' Jannar 2015 tal-Qorti ta' l-Appell taffiet l-element pekunjarju tas-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, jibqa l-fatt ikra u iebes illi bil-procediment ta' l-Atturi kif definittivament deciz mill-Qorti tal-Appell bl-indikata Sentenza ta' kundanna fil-*

*konfront tar-Rikorrenti Odjerni, gie lez id-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni taghhom".*

*Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:*

1. *Illi in linea preliminari, ir-rikors promotur huwa wiehed frivolu u vessatorju u abbuziv tal-process gudizzjarju ai termini ta' l-Artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 (5) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta stante li mhux ghajr appell mid-decizjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-14 ta' Jannar 2015 fl-ismijiet "Paul Pace, Colin Galea, George Saliba u Maria Cutajar vs Steve Mallia u Ariadne Massa" (Appell Civili Nru. 301/10). Kif gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza nostrali, din il-Qorti kif adita m'hijiex Qorti ta' revizjoni u dan peress li m'hijiex il-funzjoni taghha li tiddeciedi jekk Qrati ohra ddecidewx il-kawzi sew jew le, izda biss jekk tali decizjonijiet jivvjolawx id-drittijiet fundamentali.*

2. *Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti qieghed jitlob il-kjamat in kawza ta' Paul Pace, Colin Galea, George Saliba u Maria Cutajar in kwantu bl-azzjoni attrici r-rikorrenti qed jillamentaw minn sentenza li giet deciza favur ta' dawn l-individwi u f'kaz ta' sejbien ta' lezjoni dina l-Onorabbli Qorti tista' taghti rimedji li jistghu jolqtu lil dawn l-individwi u ghalhekk huma ghandhom jissejjhu f'dawn il-proceduri.*

***Ebda ksur tal-Artikolu 10 (1) tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 41 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta***

3. *Illi kemm l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta filwaqt illi jenuncjaw bhala dritt fundamentali d-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni, fis-subinciz (2) taghhom jikkontemplaw l-eccezzjonijiet f'liema kazijiet huwa permissibbli mill-istess Konvenzjoni u Kostituzzjoni li*

*jirrendi legali u lecitu indhil mill-Istat b'deroga ta' dan id-dritt fundamentali. L-esponenti jissottometti illi huwa evidenti illi d-dritt protett b'dana l-Artikolu mhuwiex wiehed assolut izda hemm certi restrizzjonijiet illi l-Istat jista' b'mod proporzjonat jimponi fir-rigward ta' l-ezercizzju tieghu abbazi ta' ragunijiet specifici.*

*L-esponenti jissottometti illi l-Istat igawdi certu margini ta' apprezzament sabiex jillimita dan id-dritt. Kif dejjem gie ritenut mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dawn ir-restrizzjonijiet huma permissibbli meta jkunu preskritti b'ligi, jsiru ghal ghan legittimu u jkunu necessarji f'socjeta' demokratika.*

*Illi certament li gurnalist ma jistax jirrapporta bhala « fatt » semplicement ghax « deherlu » li hekk ikun gara, jew ghax kien taht « impressjoni » li dak il-fatt sehh. Illi l-interess tal-gurnalisti li jxandru l-ahbarijiet b'attwalita' huwa nteress legittimu izda ma hux interess li quddiemu ghandu jcedi l-jedd ta' haddiehor ghall-fama tieghu. Ghalhekk, l-interess ta' gurnalist li jippubblika ahbar ma jehlisx lil tali gurnalist mill-htiega li jivverifika l-ahbar, aktar u aktar meta dik l-ahbar tista' tkun ta' hsara ghal haddiehor.*

*Illi l-kuncett tal-liberta' tal-espressjoni u tal-istampa ghandu jigi kontrobilancjati mad-dritt tac-cittadin ghall-inkolumita' tieghu specjalment meta dak ic-cittadin mhux involut fil-politika. Illi fil-kaz fl-ismijiet Verdens Gang and Aase v. Norway (applikazzjoni numru 45710/99) fis-16 ta' Ottubru 2001, il-Qorti Ewropeja osservat illi « However, it is to be recalled that Article 10 of the Convention does not guarantee unlimited freedom of expression even for press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the Article, the exercise of this freedom carries with it « duties and responsibilities » which also apply to the press. In a number of recent cases concerning restrictions on press freedom (see, for instance the above mentioned case of Bergens Tidende and Others v. Norway, § 53), the Court has pointed out*

*that these « duties and responsibilities » assume significance if the reputation of private individuals is under attack and the « rights of others » may be undermined ». Illi l-Qorti Ewropeja osservat li, meta si tratta tar-reputazzjoni professjonali tac-cittadin, l-istampa trid tagixxi in buona fede u tara li tforni « accurate and reliable information ». Dan ifisser li artikolu f'gurnal irid jittrasmetti stejjer bazati fuq fatti u mhux fuq impressjonijiet. Fil-fatt, f'dina l-kawza, il-Qorti Ewropeja canfret lill-gurnal talli dan ma hax « sufficient steps to fulfil its obligation to verify the truth of the factual allegation in question ». Gurnal, ghalhekk, ghandu obbligu biex jivverifika l-verita' ta' dak li qed jistampa u ma ghandux jippubblika bhala fatt dak li lill-gurnalist ikun 'deherlu' li fehem. Kwindi meta l-Qrati li stharrgu l-allegazzjonijiet ta' malafama mressqa insistew fuq il-htiega tal-gurnal li jivverfika l-fatti, ma kienux qed imorru kontra l-jedd ghall-liberta' tal-espressjoni tar-rikorrenti. Illi certament li dan bl-ebda mod ma jaghmel sarima lill-istampa biex jirrapportaw fuq affarijiet ta' interess pubbliku, ghax l-obbligu ta' verifikazzjoni tal-verita' hija marbuta intrinsikament mal-kuncett tal-liberta' tal-istampa. Illi rapportagg irid jigi oggettivament verifikat.*

*Illi d-dritt ghal-liberta' tal-espressjoni jgib mieghu dmirijiet u responsabbilitajiet li jistghu jiddettaw il-htiega tar-restrizzjonijiet li ghalihom hemm riferenza fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni u fl-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni. Illi ghalkemm is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kif konfermata mill-Qorti tal-Appell tikkostitwixxi interferenza mill-awtorita' pubblika mad-dritt ghal-liberta' tal-espressjoni tar-rikorrenti, madanakollu tali interferenza hija gustifikata stante li saret fil-parametri tar-restrizzjonijiet permissibbli fil-Konvenzjoni u fil-Kostituzzjoni.*

*Illi ma hemm l-ebda dubju li l-interferenza li minnha qed jillamentaw ir-rikorrenti hija preskritta bil-ligi u dan peress li s-sentenza nghatat skont dak li*

*jipprovdu d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta). Illi l-interferenza tissodisfa wkoll il-kwezit tal-htiega f'socjeta' demokratika fl-interess ta' xi ghan legittimu u dan abbazi tal-principji stabbiliti fil-gurisprudenza kemm nostrana u kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja. Minn dina l-gurisprudenza (ara Constantinescu v. Romania – applikazzjoni numru 28871/95 deciza fis-27 ta' Gunju 2000 u Cumpana & Mazare v. Romania – applikazzjoni numru 33348/96 deciza fl-10 ta' Gunju 2003) johrog ukoll li l-limitazzjonijiet u s-sanjonijiet mahsuba fil-ligijiet nostrana dwar l-istampa huma meqjusa bhala mehtiega f'socjeta' demokratika.*

*Illi jsegwi ghalhekk li dina l-lanjanza mhijiex misthoqqa u ghandha tigi michuda.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

5. *Bl-ispejjez.*

Rat il-provediment taghha datat 22 ta' Frar 2016, vide fol 82 et seqq.;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti Steve Mallia u Ariadne Massa, datata 10 ta' Mejju 2017, vide fol 429 et seqq.;

Rat in-nota' Sottomissjonijiet tal-Avukat Generali, datata 9 ta' Gunju 2017, vide fol 441 et seqq.;

Rat d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

**Ariadne Massa** xehdet a fol 412A *et seqq.* illi fl-2010 hija kienet ircievet informazzjoni fuq l-istorja in kwistjoni u kienet qaghdet attenta biex ma tiddentifika lil hadd fl-istorja, tant li anke kienet uzatt il-kliem illi l-infermier in kwistjoni kien "*employed in a managerial position at Mater Dei Hospital and occupies a top post within the structures of the Malta Union of Miwives and Nurses"* sabiex zgur hadd ma jahseb li din il-persuna hija xi hadd mill-erba' persuni li kien parti mill-esekuttiv tal-MUMN. Spjegat illi hija kienet iddeskrievit lil dan l-infermier b'dan il-mod ghaliex huwa kien imnizzel bhala c-*chairperson tal-Mater Dei Group Committee*, u ghalhekk kien ovju li kien persuna importanti fl-MUMN. Kompliet illi huma kienu pruvaw jiehdu kumment minghand l-infermier, izda ma rrnexilhomx u kien ghalhekk li ma kienux uzaw ismu fl-istorja. Ziedet illi barra minn hekk, dan l-infermier kien jismu ezatt bhal kirurgu Alex Manche u din kienet raguni ohra ghalfejn ma riedux juzaw ismu sabiex ma jhammugx isem il-kirurgu Manche.

Xehdet illi huma kienu iddeciedew li jippubbilikaw l-istorja anke qabel ma hadu kumment minghand l-infermier ghaliex hassew li dan kien fl-interess pubbliku peress illi l-istorja kienet tikkoncerna sitwazzjoni fejn pazjenti kienu qed jigu mgieghla jhallsu €100 ghal terapija partikolari tad-demm minn dan l-infermier, u *salesman* li kien qed jippoza ta' tabib, ghalkemm dan is-servizz kien qed jigi offrut b'xejn mill-Gvern lill anzjani. Ziedet li filfatt is-sors taghha kien ghaddielha ricevuti li kienu jikkonfermaw dan.

Spjegat li wara l-appell civili mill-kawza ta' libell li kienu ressqu l-ufficjali tal-esekuttiv tal-MUMN, ir-rikorrenti kienu spiccaw bl-assi kollha frizati tant illi meta gara dan hija kienet barra minn Malta u lanqas setghat tigbed flus. Iccarat illi huma fl-ebda mument ma ddeskrivew lil infermier Manche bhala persuna li jokkupa kariga esekuttiva fi hdan l-MUMN, u li qaghdu attenti hafna biex ma jhammgu lil hadd, u kienu filfatt l-MUMN li kienu identifikaw aktar lil Manche peress li kienu qalu li l-persuna in kwistjoni hija biss *chairperson* ta' kumitat fi *statement* li deher fis-Sunday

Times fit-22 ta' Awissu, u cioe dik il-gurnata stess li deher l-artiklu. Qalet ukoll illi din l-istorja kienet waslet lil Ministru tas-Sahha sabiex jordna inkjesta.

**In kontro-ezami** a fol 412C, 412 H u 422 *et seqq.* xehedet illi filfatt kien gie intavolat Mandat ta' Sekwestru u mhux *Freezing Order,* u kkonfermat il-bqija tax-xhieda precenti taghha. Xehedet li hi kienet ghamlet *follow up* tal-istorja u ghamlet intervista mal-Ministru li dak iz-zmien kien Dr. Joe Cassar, li kien qalilha li s-*salesman* li kien involut fl-iffrodar tal-pazjenti kien ser jitressaq il-Qorti. Ikkonfermat illi l-verifiki li ghamlet biex uzat il-kliem *"top official"* ghamlithom wahedha minn fuq is-sit elettroniku tal-MUMN, minghajr ma kellmet li xi hadd mid-dirigenti jew ufficjali tal-MUMN.

**Steve Mallia** xehed a fol 412E *et seqq.* illi huwa l-editur tal-gazzetta in kwistjoni u Ariadne Massa kienet marret ghandu b'din l-istoja ta' infermier li kien qed iqarraq b'nies morda u vulnerabbli, u ghalhekk huwa hass li kien fl-interess pubbliku li din l-istorja tigi ppublikata. Spjega illi s-sors ta' Massa kien kredibbli u kien hemm anke ricevuti li kienu jikkorroboraw l-istorja. Kompla illi Massa kienet ppruvat taghmel kuntatt mal-infermier in kwistjoni izda ma rnexxiliex u ghalhekk kienu ddecidew li jippublikaw l-istorja minghajr ma jsemmu ismu ghaliex kien hemm urgenza li din l-istorja tasal ghand il-pubbliku, imbaghad jippublikaw *follow up* hekk kif jiehdu kumment minghand il-persuna koncernata. Zied illi l-infermier in kwistjoni kien gie deskritt bil-mod kif gie deskritt minhabba li ghalihom persuna li tagixxi bhala *chairperson* ta' kumitat hija necessarjament persuna important f'dik l-organizazzjoni. Xehed illi dakinhar stess l-MUMN ippublikat *statement* li kien jiddentifika lil persuna kkoncernata  hafna iktar mill-artikolu taghhom.

**In kontro-ezami** a fol 424 *et seqq.* ma qabilx illi ma vverfikawx l-informazzjoni li kien tahom is-sors, rega qal illi filfatt kellhom dokumentazzjoni fil-forma ta' ricevuti, u kkonferma li apparti dan, ma hassx illi kien hemm bzonn xi verifiki ohrajn. Xehed illi huwa kienu provaw jaghmlu kuntatt ma' Manche biss, ghalkemm zied li fl-ahhar mill-ahhar ma kienx id-dover tieghu bhala editur li jaghmel kuntatt ma' persuni

koncernati, ghaliex dan kien jaqa' taht il-kompetenza tal-gurnalist li kien qed jiehu hsieb l-istorja. Xehed illi hu ma kienx prezenti meta Massa pprovat taghmel kuntatt ma' Manche.

**Ikkonsidrat;**

Il-funzjoni ta' din il-Qorti m'hijiex li tezamina zbalji ta' dritt jew ta' fatt li allegatament ikunu gew kommessi mill-qrati ordinarji, sakemm dawn l-izbalji ma jkunux kisru id-drittijiet u libertajiet garantiti mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.[1] Dan ifisser illi din il-Qorti mijiex Qorti ta' revizjoni izda tissindika allegat ksur tad-drittijiet umani.

Ir-rikorrenti ressqu din il-kawza biex jiksbu protezzjoni tad-dritt taghhom ghal liberta tal-espressjoni u filfatt talbu lil din il-Qorti ghal rimedju tad-danni li huma allegatament garbu minhabba r-restrizzjoni, skont huma ingustifikata, tad-dritt taghhom ghal liberta tal-espressjoni. Illi ghalhekk il-Qorti ma taghraf li hemm ebda frivolita wisq anqas vessatorjeta fit-talbiet tar-rikorrenti.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Fis-sentenza fl-ismijiet **Handysite v. the United Kingdom** deciza fis-7 ta' Settembru 1976 il-Qorti ta' Strasbourg irrilevat illi:

> **"[f]*reedom of expression constitutes one of the essential foundations of a [democratic] society, one of the basic conditions for its progress and for the development of every man. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to information or ideas that are favourably received or regarded as inoffensive, but also to those that offend, shock***

1 **Vide inter alia Garcia Ruiz v. Spain,** ECHR 30544/96 (21 ta' Jannar 1998) par. 28; **Kemmache v. France**, ECHR 17621/91 (24 ta' Novembru 1994) par. 44; **Sisojeva and Others v. Latvia**, ECHR 60654/00 (15 ta' Jannar 2007) par. 89.

> ***or disturb the state or any sector of the population. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no democratic society.*"**

Vide wkoll **Thorgeir Thorgeirson v. Iceland** deciza fil-25 ta' Gunju 1992 para. 63 – App. Nru. 13778/88; **Jersild v. Denmark** deciza fit-23 ta' Settembru 1994 para. 31 - App. Nru. 15890/89; **Goodwin v the United Kingdom** deciza fis-27 ta' Marzu 1996 para. 39 – App. Nru. 17488/90; **De Haes and Gijels v. Belgium** deciza fl-24 ta' Frar 1997 para. 46 – 49 App. Nru. 19983/92;

Fir-rigward ta' kawzi kriminali ta' libel u kawzi civili ta' malafama u l-konsegwenzi ta' ezitu negattiv f'dawn il-kawza ghal gurnalisti, din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Calleja vs L-Avukat Generali** deciza fis-27 ta' Ottubru 2016 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Gunju 2017, inghad illi dan it-tip ta' indhil mill-Awtorita Pubblika fuq il-jedd tal-espressjoni tal-istampa:

> **"*…huwa ndħil li jnissel il-biżgħa f'li wieħed jeżercita l-jedd tal-espressjoni ħielsa għaliex iżomm quddiem għajnejh il-konsegwenzi li x'aktarx igarrab jekk jagħmel dan ("chilling effect"). B'riferenza għal dan il-fenomenu limitattiv, ingħad li "this effect, which works to the detriment of society as a whole, is likewise a factor which goes to the proportionality of, and thus the justification for, the sanctions imposed.*"**

F'din is-sentenza din il-Qorti diversament presjeduta hasset illi kellha:

> "*…tissenjala* ***l-importanza tal-medja bhala wiehed mill-pilastri fondamentali li fuqu hija mibnija d-demokrazija kif nafuha****. Kif gie dikjarat fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet "The Sunday Times -*

*vs- The U.K." fis-26 ta' April, 1979, the press "plays its vital role of public watchdog and to impart information and ideas on matters of public interest*".

(…)

"*Il-Qrati taghna ihaddnu l-istess principji* [tal-Qorti ta' Strasbourg] *rigwardanti r-rwol tal-istampa f'demokrazija reali u effettiva u dan ifisser ukoll li **gurnalist ghandu jkun fil-liberta' li jezercita` l-professjoni tieghu, bla xkiel u interferenzi sabiex ikun jista' jiddissemina informazzjoni, analizi jew kritika lis-socjeta' li ghandha d-dritt ghal din l-informazzjoni, analizi u kritika.** Madanakollu kif ser jinghad 'il quddiem, huwa pacifiku fil-Qrati taghna u fil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li **din il-liberta' mhix assoluta**.*"

Dan huwa ibbazat fuq l-insenjament tal-Qorti ta' Strasbourg, li kif qalet fis-sentenza fl-ismijiet **Axel Springer AG v. Germany:**[2]

"*The Court has also repeatedly emphasized the essential role played by the press in a democratic society. Although the press must not overstep certain bounds, regarding in particular protection of the reputation and rights of others, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest. **Not only does the press have the task of imparting such information and ideas; the public also has a right to receive them. Were it otherwise, the press would be unable to play its vital role of "public watchdog"**.*

(…)

[2] **Para. 79, App. Nru. 39954/08, Deciza fis-7 ta' Frar 2012 mill-Grand Chamber**

> *Journalistic freedom also covers possible recourse to a degree of exaggeration, or even provocation (see Pedersen and Baadsgaard, cited above, § 71). Furthermore,* ***it is not for the Court, any more than it is for the national courts, to substitute its own views for those of the press as to what techniques of reporting should be adopted in a particular case.***"[3]

Fl-istess vena, fis-sentenza fl-ismijiet **Jersild v. Denmark** deciza fit-23 ta' Settembru 1994 intqal illi:

> "*…the methods of objective and balanced reporting may vary considerably depending among other things on the media in question. It is not for this Court, nor for the national courts for that matter, to substitute their own views for those of the press as to what technique of reporting should be adopted by journalists*."[4]

Huwa risaput pero illi mhux kull indhil mill-Istat fl-ezercizzju tal-jedd tal-espressjoni jissarraf fi ksur ta' dan il-jedd. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Borg vs Victor Camilleri et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 1992, il-jedd ghal espressjoni ma jaghtix lill-istampa

> "*…xi passaport ta' immunita` billi tibqa' dejjem il-htiega li tinzamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta' tal-espressjoni u c-censura tal-malafama. Dejjem jinhtieg li jinzamm bilanc bejn il-bzonn li f'socjeta' demokratika jithalla spazju sufficjenti ghal-liberta' li wiehed jikkritika u jissemma l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur u l-isem tajjeb li kull persuna f'socjeta' demokratika ghandha d-dritt li tgawdi*."

[3] **Vide wkoll Bladet Tromsø and Stensaas vs Norway** [GC] App. Nru. 21980/93 para. 59 u 62; **Pedersen and Baadsgaards vs Denmark** [GC] App. Nru. 49017/99 para. 71; **Oberschlick vs Austria**, deciza fit-23 ta' Mejju 1991 para. 57;

[4] Vide para. 31 - App. Nru. 15890/89

Ghalhekk skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, kif ukoll il-gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali nostrana, sabiex **il-Qorti tiddetermina jekk restrizzjoni tad-dritt ghal liberta tal-espressjoni huwiex gustifikabbli o meno, ghandhom jigu ezaminati t-tliet elementi jew r-restrizzjoni segwenti:**

1. **Ir-restrizzjoni trid tkun preskritta mill-ligi;**

2. **Ir-restrizzjoni trid ikollha ghan legittimu;**

3. **Ir-restrizzjoni ghandha tkun neessarja f'socjeta demokratika.**[5]

Fir-rigward ta'dan, skont l-awtur **Dirk Voorhoof**:

> **"*…the main characteristic of Article 10(2) is precisely that, by imposing the so-called 'triple test', it substantially reduces the possibility of interference with the right to express, receive and impart information and ideas.*"**[6]

Huwa risaput illi ghandu jkun possibli ghall-gurnalisti li jinvokaw id-difiza tal-*buona fede.* Din id-difiza tfisser illi jekk fiz-zmien tal-publikazzjoni il-gurnalist kellu ragunjiet sufficjenti biex jemmen li l-informazzjoni relattiva kienet vera, l-istess gurnalist m'ghandux jigi punit ghal publikazzjoni taghha. Dan ghaliex, kif intqal fis-sentenza deciza mill-Qorti ta' Strasbourg deciza fis-26 ta' Novembru 1991 fl-ismijiet **The Sunday Times vs the United Kingdom (No. 2)** l-ahbarijiet huma:

---

[5] Vide per ezempju **Steel and others v. the United Kingdom** deciza 23 ta' Settembru 1998; **Hashman and Harrup v. the United Kingdom** deciza 25 ta' Novembru 1999; **Goussaev and Marenk v. Finland** deciza 17 ta' Novembru 2006; **Akcma v. Turkey** deciza 25 Ottubru 2011; **RTBF v. Belgium** deciza 29 ta' Marzu 2011; **Youth Initiative for Human Rights v. Serbia** deciza 25 ta' Gunju 2013.

[6] **D. Voorhoof**, '**The Right to Freedom of Expression and Information under the European Human Rights System: Towards a More Transparent Democratic Society**', EUI Working Papers (2014) p. 2.

> "…[a] ***perishable commodity and to delay its publication, even for a short period, may well deprive it of all its value and interest.***"

Ghalhekk, dak li hu rikjest li jsir mill-gurnalist huwa li jkun ghamel verifiki ragonevoli tal-informazzjoni li tkun giet moghtija lilu, u dan ghaliex apparti il-*buona fede*, l-gurnalist irid ukoll juri diligenza u professjonalizmu fil-ksib ta' informazzjoni minnu ppubblikata.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal dak li jinghad mill-awtrici **Dominika Bychawska-Siniarska** u cioe illi:

> "***Where a journalist or a publication has a legitimate purpose, the matter is of public concern, and reasonable efforts were made to verify the facts, the press shall not be liable even if the respective facts prove to be untrue.***"[7]

Apparti minn hekk, il-gurisprudenza taghmel distinzjoni bejn dak li hu rapportagg ta' fatti, u dak li huwa msejjaq bhala '*value judgements*'. Fir-rigward ta' *value judgements* il-principju segwit huwa illi a kuntrarju ta' rapportagg ta' fatti, (l-ezistenza ta' liema tista' tigi accertata), il-veracita ta' *value judgements* m'hijiex suxxettibbli ghal provi, u ghalhekk gurnalist ma jistghax jigi rikjest li jressaq prova tal-veracita ta' *value judgement* li jkun ghamel. Fir-rigward ta' *value judgements,* dak li l-Qorti tiehu in konsiderazzjoni huwa jekk kienx hemm bazi fattwali sufficjenti biex isir tali *value judgement,* u intqal illi fil-kaz li dan ikun nieqes, l-interferenza legittima u proporzjonata tal-jedd ghal espressjoni hija gustifkata.[8] Il-Qorti taghmel ukoll referenza f'dan is-sens ghal dak li ntqal mill-Qorti ta' Strasbourg fis-sentenza

[7] **D. Bychawska-Siniarska**, ***Protecting the Right to Freedom of Expression Under the European Convention on Human Rights: A handbook for legal practitioners***, (Council of Europe, 2017). P. 78.

[8] Vide per ezempju **Feldek v. Slovakia** deciza fit-12 ta'Lulju 2001; **Kulis and Rozycki v. Poland** deciza fis-6 ta' Ottubru 2009.

fl-ismijiet **Morice v. France** deciza fit-23 ta' April 2015 fejn il-Qorti sabet illi r-restrizzjoni tad-dritt ta' Morice ghal espressjoni ma kienetx gustifikata ghaliex:

> ***"…the expressions used by the applicant had a sufficiently close connection with the facts of the case, in addition to the fact that his remarks could not be regarded as misleading or as a gratuitous attack."***

**Ikkonsidrat;**

Il-kaz prezenti jittratta sejbien ta' responsibilita ghal malafama minn naha tar-rikorrenti versu l-erba' ufficjali esekuttivi tal-MUMN, u dan wara li r-rikorrent Massa kienet kitbet artikolu li gie ppublikat fil-gazzetta **The Sunday Times** ta' Malta, (l-editur ta' liema huwa r-rikorrenti Mallia), fejn irraportat illi infermier deskritt minnha bhala wiehed li jokkupa 'a top post' fi hdan l-MUMN u *salesman* li kien qed jipprezenta ruhhu bhala tabib, kienu qieghdin jiddefrodaw lil pazjenti anzjani billi jezigu hlas ghal kura li l-isptar kien joffri b'xejn, sabiex idawwru dan il-profitt illecitu ghalihom. L-erba' ufficjali esekuttivi tal-MUMN ressqu proceduri kontra Mallia u Massa a bazi tal-fatt li skont huma, id-deskrizzjoni tal-infermier in kwistjoni bhala '*top official'* fi hdan l-MUMN kien malafamanti fil-konfront taghhom u dan peress illi din id-deskrizzjoni kienet taghti lil qarrej x'jifhem illi l-infermier li fuqu kitbet Massa, kien proprju wiehed minn dawn l-erba' ufficjali. Il-qrati ordinarji kienu sabu favur l-ufficjali esekuttivi tal-MUMN u ir-rikorrenti gew ikkundannati jhallsu *in solidum* is-somma ta' €4,000 b'mod ugwali bl-imghax dekoribbli mill-14 ta' Jannar 2015. L-istess ufficjali esekuttivi kienu filfatt hargu Mandat ta' Sekwestru kontra r-rikorrenti u effettivament iffrizaw il-kontijiet bankarji taghhom sakemm thallset din is-somma. Kien ghalhekk illi r-rikorrenti intavolaw din l-azzjoni, ghaliex skont huma din il-kondanna ghal hlas tad-danni tissarraf f'lezjoni tad-dritt taghha ghal jedd tal-espressjoni hekk kif sancit fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Hekk kif intqal fis-sentenza citata aktar il-fuq fl-ismijiet **Joseph Calleja vs L-Avukat Generali,** kondanni ghal hlas ta' danni wara kawza civili ta' malafama jistghu jikkostitwixxu restrizzjoni tad-dritt ghal liberta tal-espressjoni. Ghalhekk il-Qorti trid issa tiddetermina jekk din ir-restrizzjoni kienetx leziva tad-drittijiet tar-rikorrenti, u dan billi taghmel determinazzjoni a bazi ta' tliet elementi jew restrizzjonijiet aktar il-fuq riportati cioe it-*triple test*.

1. **Ir-restrizzjoni in kwistjoni kienet preskritta mill-ligi?**

Fir-rigward ta' dan l-element, m'huwiex kontestat mill-partijiet illi l-ordni ta' hlas ta' danni ghal malafama huwa preskritt mill-ligi tal-pajjiz u li ghalhekk dan l-element huwa sodisfatt.

2. **Ir-restrizzjoni in kwistjoni kellha ghan legittimu?**

Il-Qorti rat illi r-restrizzjoni in kwistjoni kienet saret ghal protezzjoni tar-reputazzjoni tal-ufficjali esekuttivi tal-MUMN. Il-gurisprudenza tal-Qrati tikkonsidra l-protezzjoni tar-reputazzjoni ta' individwi bhala ghan legittimu a bazi ta' liema jista' jigi ristrett id-dritt tal-espressjoni, u ghalhekk anke dan l-element huwa sodisfatt.[9]

3. **Ir-restrizzjoni in kwistjoni kienet necessarja fi Stat demokratiku?**

Ghalkemm huwa maghruf illi l-jedd ghal espressjoni huwa protett b'mod aktar robust f'dak li jirrigwarda diskussjonijiet politici, skont il-gurisprudenza tal-Qorti, diskussjonijiet rigward **kwistjonijiet ohra ta' interess pubbliku huma protetti bl-istess mod,** u dan kif jidher fis-sentenza fl-ismijiet **Torgeir Torgeirson v. Iceland** deciza fil-25 ta' Gunju 1992, fejn intqal illi:

[9] Vide per ezempju **Vejdeland and Others v. Sweden** deciza fit-2 ta' Frar 2012.

> "***…the Court observes that there is no warrant in its case-law for distinguishing…between political discussion and discussion of other matters of public concern.***"

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-artikolu rraportata mir-rikorrenti f'dan il-kaz kien wiehed ta' interess pubbliku. Dan ir-rapportagg kien jittratta allegat kaz ta' frodi li kien qed jigi kommess a deteriment ta' anzjani morda u vulnerabbli, li kienu qed ihallsu ghal kura moghtija b'xejn mill-iStat sabiex il-persuni nvoluti jkunu jistghu jdawwru l-profitt ghalihom. Il-Qorti tqis illi huwa ndiskuss li dan ir-rapportagg kien wiehed ta' interess pubbliku ghaliex il-pubbliku in generali mhux biss kellu interess, izda anzi kellu dritt li jircieva din l-informazzjoni, ikkonsidrat li din l-informazzjoni setghat kienet vitali ghall protezzjoni tal-potenzjonali vittmi ta' din l-allegata skema defrodanti, sabiex vittmi ta' din l-iskema isiru jafu li sfaw vittmi ta' reat biex b'hekk ikunu jistghu jirrikorru ghand il-pulizija, jirraportaw l-akkadut u jiffaciltaw l-investigazzjoni.

Filfatt, tant kien ta' interess pubbliku r-rapportagg tar-rikorrenti, illi l-Ministru tas-Sahha kien ordna immedjatament illi l-kaz jigi investigat, u eventwalment kienu ttiehdu proceduri kriminali necessarji quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Barra minn hekk, peress illi il-kommissjoni ta' dan il-frodi kienet ghada qed issehh, il-Qorti tqis illi kien imperattiv li l-informazzjoni tigi ppubblikata mill-aktar fis possibli, ghall-protezzjoni tal-vittmi, jew potenzjali vittmi ta' din l-iskema, cioe anzjani vulnerabbli li allegatament kienu qed jispiccaw ihallsu somom sostanzjali ta' flus ghal kura li fir-realta' kienet qed tinghata b'xejn mill-Gvern Malti.

Rigward l-argument illi galadarba r-rikorrent m'ghamlux kuntatt mal-persuna allegatament involuta, u cioe l-infermier Alex Manche, ma kellhomx jippubblikaw l-artikolu in kwistjoni minghajr kontro-kumment, il-Qorti tqis li dan l-argument huwa wiehed insostenibbli, mifhum l-element ta' urgenza fl-ippubblikar ta' dan l-artikolu gurnalistiku nvestigattiv, minhabba l-protezzjoni tal-interessi legittimi ta' persuni

anzjani u vulnerabbli. Ghalhekk dan ma kienx kaz fejn ir-rikorrenti kellhom jiddilungaw fil-pubblikazzjoni taghha ghaliex l-infermier in kwistjoni ma kienx disponibbli biex jaghti kumment. Kieku kellhu jigi accettat dan l-argument, din il-Qorti tkun qed taghmel sarima ma' halq l-istampa, ghaliex ikun ifisser l-gurnalisti jkunu jistghu jigu mwaqqfa milli jippublikaw artikolu u jxandru ahbarijiet kurrenti billi l-persuna in kwistjoni tevadi t-tentattivi taghhom biex jaghmlu kuntatt u jiehdu kumment minghandha.

F'dan ir-rigward, u fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti kienu gustifikati li jippublikaw l-artikolu in kwistjoni minghajr ma stennew kontro-kumment. Anzi il-qorti tqis li r-rikorrenti kienu prudenti u urew razan konsiderevoli meta ghazlu li ma jxandrux isem l-infermier in kwistjoni ga la darba ma setghax jigi kkuntatjat. Ghalhekk il-fatt li ppublikaw l-artikolu in kwistjoni minghajr kontro-kumment minghand l-infermier Manche, ma jistghax jintuza bhala bazi ghar-restrizzjoni tad-drittijiet taghhom. Il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti uzaw prudenza u galbu konsiderevoli meta anke kkonsidraw il-fatt illi bil-publikazzjoni tal-isem tal-infermier setghu ihammgu r-reputazzjoni tal-kirurgu bl-istess isem, u li ghalhekk ghalihom din kienet raguni ohra biex ma jippublikawx isem l-infermier allegatament involut f'din l-iskema defrodanti.

Element centrali ta' din il-kawza huwa l-fatt illi ghalkemm l-erba' ufficjali hassew ruhhom immalafamati bir-rapportagg tar-rikorrenti, l-istess ufficjali esekuttivi effettivament qatt ma kienu issemmew b'isimhom, u ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-frodi rapportat mir-rikorrenti. Il-kwistjoni kienet illi bl-uzu tal-kliem '*top official'* ir-rikorrenti kienu identifikaw lil xi hadd minn dawn l-erba' persuni bhala l-persuna li kienet qed tikkometti l-frodi in kwistjoni.

Is-sentenza citata aktar il-fuq fil-kaz ta' **Thorgeir Thorgeirson** hija ta' relevanza u mportanza partikolari f'dan il-kaz. F'dik il-kawza, l-applikant kien ippublika artikolu rigward allegazzjonijiet ta' vjolenza kommessa minn membri tal-forza tal-pulizija, minghajr ma semma' ebda isem, u kien gie sottomess illi l-indhil fid-dritt tieghu ghal

liberta tal-espressjoni kien gustifikat peress illi l-ghan kien il-protezzjoni tar-reputazzjoni tal-pulizija. Il-Qorti ta' Strasbourg ma kienetx accettat dan l-argument, u kienet irrilevat illi:

> "*The Court is also not convinced by the Government's contention that the principal aim of the applicant's articles was to damage the reputation of the Reykjavik police as a whole.* ***In the first place, his criticisms could not be taken as an attack against all the members, or any specific member, of the Reykjavik police force****. As stated in the first article,* ***the applicant assumed that "comparatively few individuals [were] responsible" and that an independent investigation would hopefully show that a small minority of policemen were responsible*** *(see paragraph 9(19)-(20) above). Secondly, as the Court has observed in paragraph 65 above,* ***the applicant was essentially reporting what was being said by others.***
>
> *These circumstances - combined with a perusal of the first article - confirm his contention that* ***his principal purpose was to urge the Minister of Justice to set up an independent and impartial body to investigate complaints of police brutality****.* (…)
>
> ***The articles bore, as was not in fact disputed, on a matter of serious public concern***."

Il-Qorti tqis illi bl-istess mod, l-artikolu tar-rikorrenti ma jistghax jitqies bhala attakk kontra l-erba' ufficjali esekuttivi jew xi hadd partikolari minnhom. Il-Qorti hija tal-fehma illi d-deskrizzjoni ta' *top official* m'hijiex dikjarazzjoni ta' fatt izda tikkonsisti f'*value judgement* maghmul mill-gurnalista rigward il-kariga tal-persuna allegatament involuta fir-reat irraportat minnha. Ta' min jinnota illi l-gurnalista fl-ebda hin ma qalet illi l-infermier in kwistjoni kien jokkupa kariga esekuttiva, izda biss li kien jokkupa *a top post.* Jirrizulta u m'huwiex kontestat illi l-infermier Manche kien jokkupa l-kariga ta' *Chairperson* fuq il-*Mater Dei Group Committee.* Fil-fehma

ta' din il-Qorti ghalhekk kien ragonevoli ghar-rikorrenti li jirreferu ghal infermier Manche bhala ufficjali li jokkupa *a top post* fi hdan l-MUMN ghaliex persuna li tokkupa l-kariga ta' *Chairperson* fuq Kumitat, u specjalment kumitat tal-portata in kwistjoni, tista' ragonevolment tigi deskritta bhala persuna li tokkupa kariga gholja fi hdan l-organizazzjoni. Din il-Qorti tqis illi id-deskrizzjoni ta' Manche bhala *a top official* kienet ***a value judgement*** li kellha, ai termini tas-sentenza hawn fuq citata ta' Morice, '***a sufficiently close connection with the facts of the case'*** u dan apparti l-fatt illi m'hemm ebda prova, u zgur li ma jistghax jigi determinat illi din id-deskrizzjoni kienet '[a] *misleading or as a gratuitous attack*'. Di piu kienet materja li tikkoncerna l-interess publiku mill-qrib.

**Apparti dana kollu fil-fehma tal-Qorti mill-prova jirrizulta illi r-rikorrenti kien qed jagixxu in *buona fede.***

Il-Qorti f'dan ir-rigward qieset il-fatt illi r-rikorrenti Mallia kien mill-ewwel accetta illi jippubblika *statement* tal-MUMN illi l-erba' ufficjali esekuttivi ma kienux involuti f'dak rapportat mir-rikorrenti, u dan minkejja il-bixra moghtija f'dan l-i*statement.*

Kif intqal aktar il-fuq, skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, il-*buona fede* tal-gurnalist hija element li l-Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni meta tigi biex tiddetermina jekk ikkomettiex malafama, u ghalhekk il-Qorti tqis li l-fatt li l-Qorti tal-Appell qieset li l-intenzjoni tar-rikorrenti ma kienetx relevanti[10], jfissir li l-iStat ma ggarantiex sufficjentement id-dritt tar-rikorrent ghal liberta tal-espressjoni.

Fir-rigward tal-verifika tal-informazzjoni moghtija lilha, l-Qorti tqis illi r-rikorrenti osservat prattici gurnalistici tajbin u dan billi mhux biss qaghdet fuq is-sors li ta l-informazzjoni, li skontha kien sors tajjeb u ta' min joqghod fuqu, izda talli kellha wkoll dokumentazzjoni (ircevuti ta' hlas) li kienet tissostanzja l-informazzjoni moghtija lilha, u li ghalhekk ma kellha l-ebda raguni valida sabiex tiskarta jew

---

[10] A pg. 25 tas-sentenza.

tiddubita l-informazzjoni moghtija lilha. Filfatt, il-provi li kellha f'idejha Massa kienu meqjusa bizzejjed biex tinfetah inkjesta fl-akkadut, liema inkjesta eventwalment wasslet ghal ftuh ta' proceduri kriminali kontra l-persuni relattivi. Il-Qorti tqis illi mhuwiex mistenni li l-gurnalisti jgibu provi inkonfutabbli tal-veracita ta' dak rapportat minnhom. Dan huwa l-obbligu tal-Istat fi proceduri kriminali kontra l-persuni involuti, u mhux tal-gurnalisti. L-obbligu tal-gurnalisti huwa li jivverfikaw il-fatti rapportati minnhom sa grad ragjonevoli u li meta jippublikaw, jaghmlu dan in *buona fede,* u cioe bi hsieb ragonevoli illi l-fatt rapportat minnhom, wara l-verifiki maghmula, huwa veritier. L-obligu da parti tal-gurnalista u editor rikorrenti fil-fehma konsiderata ta din il-Qorti, gie pjenament imwettaq fil-kaz in ezami.

Il-Qorti tqis wkoll illi r-rapportagg investigattiv tar-rikorrenti f'dan il-kaz kien wiehed fl-interess pubbliku ewlieni ghaliex kien qieghed jinkixef allegat qerq u reati kriminali ta' ufficjali pubblici. Dan ir-rapportagg investigattiv kellhu jigi ppublikat b'certu urgenza ghal protezzjoni tal-anzjani u l-vulnerabbli. Fil-fehma tal-Qorti, jekk fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-Qorti kellha tqis li r-restrizzjoni tal-jedd ghal espressjoni tar-rikorrenti bhala wiehed gustifikabbli, din is-sentenza jkollha dak li jisejjah "***a chilling effect***" fuq l-istampa Maltija, ghaliex gurnalisti jibdew jahsbuha darbtejn li jippubbilkaw artikoli ta' gurnalizmu investigattiv in buona fede jekk imbaghad jistghu jispiccaw jigu kkondannati jhallsu d-danni ghal malafama ta' nies li ma semmewx, u wisq anqas indentifikaw.

## Rimedju xieraq

Il-Qorti tqis li sabiex ir-rimedju moghti jkun effettiv, il-Qorti ghandha tpoggi lir-rikorrenti fl-istat li kienu qabel ma inghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell li permezz taghha gew kondannati jhallsu s-somma ta' €4,000 b'mod ugwali, u ghaldaqstant tillikwida d-danni dovuti fl-ammont ta' €2,000 ghal kull wiehed mir-rikorrenti.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddiciedi billi filwaqt li tastejni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni peress illi din giet diga precedentement determinata, tichad il-bqija tal-eccezzjoni tal-intimati, tilqa t-talbiet tar-rikorrenti u ghalhekk tiddikjara illi r-rikorrenti soffrew lezjoni tad-dritt taghhom ghal liberta tal-espressjoni hekk kif sancit bl-artikolu 41(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 10 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani tal-Libertajiet Fondamentali, tillikwida d-dannu soffert mir-rikorrenti fl-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000), kull wiehed u konsegwentement tordna lill-intimat ihallas lir-rikorrent Ariadne Massa s-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) u lir-rikorrenti Steve Mallia s-somma ta' elfejn Ewro €2,000) bl-imghax dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**